MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 488/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta' Novembru, 2002 (Dok. A), mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(c) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghadaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat fid-9 ta' Novembru 2002 mal-konvenut

huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-9 ta’ Novembru 2002 meta l-attrici, cittadina marokkina kellha 19-il sena, u l-konvenut, cittadin malti, kellu 21 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sentejn. Wara konvivenza matrimonjali ta’ xaharejn il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta pacifiku li wara li l-partijiet kienu ilhom flimkien ’il fuq minn sena, il-konvenut ried li jibdew jikkoabitaw flimkien, izda ma riedx jizzewweg. Dan il-fatt gab reazzjoni negattiva qawwija da parti tal-familjari ta’ l-attrici minhabba r-religjon li jhaddnu, bir-rizultat li nqala’ hafna nkwiet; u eventwalment l-attrici cediet ghall-pressjoni maghmula fuqha mill-familjari taghha.

Konsegwenzjalment il-partijiet izzewgu malajr, u sar party zghir, u l-familjari tal-konvenut ma kienux attendew peress li kienu qed opponew ghal din ir-relazzjoni.

Wara z-zwieg, il-konvenut telaq mix-xoghol u beda jghix hajja ta’ guvni fis-sens li beda johrog wahdu filghaxija u jigi fis-sighat bikrin ta’ filghodu, kif ukoll kien jitlob il-flus minghand l-attrici li minn naha taghha kienet tahdem bi qligh. Wara z-zwieg ukoll, l-attrici skopriet li l-konvenut, allura zewgha kien dipendenti fuq l-alkohol, liema fatt huwa ammess ukoll mill-konvenut li jghid li huwa kien jixrob hafna, anke qabel iz-zwieg. Il-konvenut jghid ukoll li hu kien ihobb lill-attrici, izda kellu dubji serji dwar il-pass taz-zwieg.

Wara xaharjen miz-zwieg l-attrici telqet mid-dar matrimonjali minhabba l-komportament abusiv da parti tal-konvenut li ma riedx jerfa’ r-responsabbilita’ ta’ ragel mizzewweg, izda ried jibqa’ jghix il-hajja spensjerata ta’ guvni, bl-attrici tahdem ghalih u wkoll biex isostni l-vizzju tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghtihom affidament.

Mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut li bil-komportament tieghu, anke rizultat tal-fatt li huwa bniedem dipendenti mill-alkohol, wera nuqqas serju ta' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar id-dmirjiet u d-drittijiet tal-hajja konjugali. Dan jinsab konfortat ukoll mill-fatt li anke qabel iz-zwieg huwa kien wera riluttanza li jidhol f' rabta matrimonjali u kien ippropona lill-attrici l-koabitazzjoni. Inoltre, l-Qorti thoss li d-decizjoni tal-konvenut li jaccetta li jidhol fir-rabta ta' zwieg ma' l-attrici, kienet priva mill-volonta' tal-ghazla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha in bazi ghal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Novembru 2002.

L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------